MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 610/2007

**Talba Nru: 610/07VGD**

Joseph Cassar (Id. nru. 108236M)

Vs

Middlesea Insurance plc (C 5553)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi peress li huwa assikurat mas-socjeta' konvenuta permezz ta' polza ta' assikuarazzjoni tas-sahha numru 1185/001271, u peress illi f'Awissu 2006 l-attur iddahhal l-isptar St. James, Sliema u sarulu prestazzjonijiet medici u

anke interventi kirurgici, u peress illi s-socjeta' konvenuta halset ghal dawn l-interventi medici u kirurgici hlief ghal kont tal-ispecjalista Dr. Louis Buhagiar fis-somma ta' hames mija u sittin lira Maltin (Lm560), liema kont thallas mill-attur, u peress illi interpellata ghal hlas, is-socjeta' konvenuta sostniet illi hija lesta li thallas minn dan il-kont biss mija u sittin lira Maltin (Lm160), kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Frar 2007 kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u sittin lira Maltin (Lm560), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez ta' din il-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------